# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 55**

**Rikors numru 384/22/1**

**Il-Perit u Arkitett Ċivili Hector Żammit**

**v.**

**Il-Perit Andrè Pizzuto fil-kwalità tiegħu ta' President għan-nom u in rappreżentanza tal-Kamra tal-Periti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Perit Hector Żammit minn deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti fit-13 ta' Settembru, 2022, (minn issa 'l hemm imsejħa "d-deċiżjoni appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, instab ħati ta' prattika li hija inkonsistenti mad-dinjità tal-professjoni ta' perit, u dan wara li tefa' l-offerta tiegħu għas-sejħa għall-

offerti bin-numru ta' referenza SPD7/2021/081, minkejja li b''direttiva' maħruġa mill-istess Kamra tal-Periti fit-8 ta' Awwissu, 2022, (Dir 08/22), il-periti ġew ordnati sabiex ma jieħdux sehem f'dik is-sejħa għall-offerti. Bl-istess deċiżjoni appellata, il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kunsill") impona fuq il-Perit Żammit (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") l-piena tas-sospensjoni tal-'*warrant*' u dan għal tliet (3) xhur mid-data li fiha dik id-deċiżjoni kellha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Fl-istess deċiżjoni tniżżel ukoll li jekk l-appellant kien ser ikun qed jirregola ruħu b'tali mod li jerġa' jiġi konformi mad-Direttiva bin-numru 08/22, il-Kunsill kien ser jerġa' jiltaqa' u dan biex inaqqas dik il-piena għal waħda ta' 'ammonizzjoni';

2. Il-Kunsill appellat wasal għad-deċiżjoni appellata fuq is-saħħa tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "***Investigation***
>
> *The Council of the Kamra tal-Periti became aware that Perit Hector Żammit (HZ) had submitted a bid for tender SPD7/2022/081 on 05/09/2022, and proceeded to open an investigation on a potential breach of Directive DIR 08/22.*
>
> *After verifying that HZ indeed appeared on the list of tender bidders, and submitted a request via email on 06/09/2022 requesting her position on the matter by 12/09/2022.*
>
> *On 12/09/2022, the Council received correspondence co-signed by HZ which stated the following:*
>
> > *"While the undersigned appreciate that the Kamra tal-Periti is investigating the matter relating to the Commissioner for Revenue tender for professional services of property valuations it would have been more appropriate if such an inquiry was initiated several years ago. This state of affairs has been in existence for well over twenty-five years and the Kamra tal-Periti never expressed any objections to the system in place.*

*"Furthermore, it is to be noted that prior to the issuing of the directive the KTP did not deem it fit to consult with the undersigned, a number of whom have been rendering this service to the Commissioner for Revenue for well over twenty years. The directive as issued by the Kamra expected the undersigned to relinquish their position and forfeit the income derived pending any settlement of the dispute which the Kamra has registered with the CFR. In our opinion, the forfeiture of our engagement with the CFR, without any tangible guarantees by the KTP constitutes a gross injustice and financial burden which would have to be borne exclusively by the undersigned.*

*"It would also be pertinent to point out that the regulation of professional fees has been liberalised. Intact (sic), KTP had issued directive 1/10 and informed its members via a circular that this liberalisation is effective as from 29 December 2009. (Vide: https://kamratalperiti.org/dir-0110-amendments-to-the-tariff-of-fees-tariffk/). This was further reiterated in a more recent KTP directive 01/18.*

*"In view of the above, the investigation will undoubtedly examine the matter in depth. In particular it should consider the conflict between the directive under consideration and the current state of the law relating to professional fees. We regret that prior to the Kamra issuing of the directive we were not consulted and that our vested interests were completely ignored."*

*During Council Meeting 22.36 held on 12/09/2022, the Council determined that there was sufficient prima-facie evidence to open a formal conduct case and proceed with deliberations.*

***Decision***

*The Council of the Kamra tal-Periti proceeded immediately with its final deliberations. The following Members were present:*

*Perit Andre Pizzuto (President);*
*Perit Dr Jeanette M. Munoz Abela (Vice President);*
*Perit Ivynne Grixti (Treasurer);*
*Perit Matias Camilleri De Marco (Honorary Secretary);*
*Perit Simone Vella Lenicker (Past President);*
*Perit Toni Bezzina MP;*
*Perit Lara Brincat;*
*Perit Damian Vella Lenicker*

*The Council reviewed all the evidence gathered during the investigation, and in particular HZ's written statements. The Council made the following considerations:*

*1. The objective of the Directive is to ensure that the dignity of the profession is safeguarded from deleterious public procurement processes that would consolidate a drop in standards in the valuation audits. It is inconceivable to the Council how a valuation audit, which*

*would be used to potentially challenge professional valuation reports drawn up by Periti in line with the Kamra's valuation standards, can be undertaken at a fee of €25 excluding VAT inclusive of disbursements for the planning research necessary to establish compliance.*

*2. It is further inconceivable to the Council how the same fee applies to different typologies of properties irrespective of value, size, and complexity, ranging from a garage to a hotel resort complex.*

*3. The ultimate aim, which was further expounded upon in Circular CIR 09/22 dated 29/08/2022, was to ensure that periti providing this service receive remuneration commensurate with the value of the work, the liabilities, and the professional obligation to safeguard the public good.*

*4. It is the Council's responsibility at law to uphold standards within the profession and take the necessary action to achieve such an aim.*

*5. The argument raised by HZ relative to the service having been rendered to the CFR at these fees for over twenty-five years is not material given that the Directive was only published on 08/08/2022*

*6. The other argument raised by HZ relative to the liberalisation of professional fees is also not material, given that the Council is not mandating fees through this Directive.*

*7. Furthermore, the Council was not in a position to consult with members of the profession who had been already delivering this service, given that there was no public record of the list. Nevertheless, extensive consultations were held with some members of the profession after the Directive was published to explain the context and the discussions that had been had (sic) with the CFR.*

*After making these considerations, it proceeded to make the following determinations:*

***a. Breach of the Professional Code of Conduct***

*No breach was detected .*

***b. Breach of a directive of the Kamra tal-Periti***

*MC breached Directive DIR 08/22, which instructed members of the profession not to submit bids for tender SPD7 /2021/08.*

***c. Professional negligence, misconduct or malpractice***

*No breach was detected.*

> ***d. Behaviour which is not consistent with the dignity of the profession***
>
> *By placing personal financial gain, over the interest of the profession and the public good, defying a clear Directive, and agreeing to carry out a service for a fee that can never be commensurate with the expected standards of execution, HZ acted in a manner which is inconsistent with the dignity of the profession.*
>
> ***Having taken into account the above considerations and the fact that the respondent has a clean professional conduct record, the Council has determined that Perit Hector Zammit's warrant is to be suspended for a period of three (3) months from the date of publication of this penalty in the Government Gazette.***
>
> *The Council has further decided that should Perit Hector Zammit bring himself in line with Directive DIR 08/22 within two weeks from the date of this decision, the Council will reconvene to commute this penalty to an admonition.*";

3. L-appellant ħassu aggravat b'dik id-deċiżjoni u appella minnha b'rikors imressaq fis-27 ta' Settembru, 2022, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex "*tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni meħuda mill-Kamra tal-Periti li permezz tagħha [...] ġie misjub ħati ta' aġir inkonsistenti mad-dinjità tal-professjoni u kwindi tilliberah minn kull ħtija u b'hekk tirrevoka d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-istess Kamra appellata*";

4. Min-naħa tagħha l-Kamra tal-Periti (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-Kamra appellata"), bi tweġiba mressqa minnha fil-21 ta' Ottubru, 2022, laqgħet għal dan l-appell billi warrbet l-aggravji u qalet li d-deċiżjoni appellata kienet tajba u kien imissha tkun konfermata;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta’ dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-14 ta’ Marzu, 2023, kif ukoll rat l-atti, hija issa f’qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. Kemm minn dak li tniżżel fir-rikors tal-appell, kif ukoll minn dak li tfisser waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet quddiem din il-Qorti, jidher li l-aggravju ewlieni tal-appellant idur sewwasew man-nullità formali tad-deċiżjoni minnu attakkata, u dan għar-raġuni li l-Kunsill tal-Kamra appellata naqas milli jħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali, kemm bil-manjiera ta’ kif mexa kif ukoll bil-mod ta’ kif kien kompost;

7. Barra minn hekk, l-appellant qiegħed ukoll jattakka d-deċiżjoni appellata, billi jargumenta li:

(i) d-direttiva tat-8 ta’ Awwissu, 2022, (Dir 08/22) hija fiha nfisha kontra l-liġi, kontra d-direttivi preċedenti tal-istess Kamra, kif ukoll kontra s-suq ħieles li jirregola l-miżati tal-periti professjonali;

(ii) l-ksur ta’ dik id-direttiva ma kellux jitqabbel ma’ għemil li huwa inkonsistenti mad-dinjità tal-professjoni; u li

(iii) f’kull każ, is-sanzjoni li ngħatat hija sproporzjonata mal-għemil li tiegħu nstab ħati;

8. Peress li l-appellant għamilha ċara li l-ilmenti mniżżla fil-paragrafu ta’ qabel dan, tqajmu biss b’mod sussidjarju għall-ilment ewlieni dwar il-kondotta u l-kompożizzjoni tal-Kunsill tal-Kamra appellata, il-Qorti ser

tkun qed tibda billi qabel xejn tistħarreġ dak l-aggravju, għaliex jekk din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa tajjeb, ma jkunx hemm għalfejn tistħarreġ l-ilmenti sostantivi tal-appellant mid-deċiżjoni appellata;

9. F'dan ir-rigward, l-appellant qiegħed b'mod partikolari jilmenta li għalkemm kien fil-laqgħa tat-12 ta' Settembru 2022, li l-Kunsill tal-Kamra appellata qies illi mad-daqqa t'għajn kien hemm biżżejjed provi biex jinbdew proċeduri kontrih, l-istess Kunsill, "bla kliem u bla sliem", mingħajr mank biss tah xi ħjiel dwar dan, u mingħajr l-ebda seduta oħra, minnufih qabad u għadda biex ħa d-deċiżjoni appellata. Jargumenta li bil-mod ta' kif mexa, il-Kunsill tal-Kamra appellata, mhux biss kiser kull regola dwar is-smigħ xieraq, iżda saħansitra kiser ukoll dak li hemm imniżżel fl-Artikolu 8(1)(ċ) tal-'Att Dwar il-Periti'[1], kif ukoll dak li hemm imniżżel f'Regolament 12 tar-'Regolamenti Dwar il-Kamra Ta' l-Arkitetti'[2], li fihom hemm miktub b'mod espress li l-Kamra ma tista' tagħti l-ebda piena lil detentur ta' '*warrant*' li jkun qed jiġi akkużat b'xi nuqqas, u dan qabel ma' "*jingħata l-opportunità kollha*" biex jiddefendi ruħu. Filwaqt li tiċħad li huwa ngħata t-tali opportunità, ifakkar li l-liġi titlob ukoll li deċiżjoni bħal dik trid tgħaddi b'maġġoranza li ma tkunx ta' anqas minn tliet kwarti tal-membri li jkun hemm preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Jilmenta li d-deċiżjoni appellata hija sajma għal kollox fuq dan l-aspett, u dan għaliex ma tgħid xejn b'liema maġġoranza għadda dak il-vot;

[1] Att XIV tal-1996 (Kap 390)
[2] N.G. 202 tal-1920 kif emendat (L.S. 390.01)

10. Safejn imbagħad għandha x'taqsam il-kompożizzjoni tal-Kunsill li wasal għad-deċiżjoni appellata, filwaqt li l-appellant jilmenta li dawk li ġġudikawh kienu l-istess nies li xlewh u li b'hekk kollox sar mingħajr "*due process of law*", jargumenta wkoll li l-membri tal-Kunsill tal-Kamra appellata kellhom saħansitra interess personali fid-deċiżjoni li ħadu, għaliex f'każ li kienet ser taqa' s-sejħa għall-offerti li wasslet għal dan kollu, kienet ser tkun qed tinħareġ sejħa oħra li għaliha kienu ser ikunu jistgħu jipparteċipaw il-periti kollha – magħduda l-membri tal-Kunsill innifsu. Jisħaq li l-ġustizzja mhux biss trid issir, iżda trid tidher ukoll li qed issir, u wara li jirreferi għall-fatt li l-leġislatur stess fl-Att dwar il-Periti[3] għaraf dan billi ħoloq 'il-Bord għall-Imġiba Professjonali tal-Periti'[4], jisħaq li f'dan il-każ id-deċiżjoni appellata ma ġietx meħuda minn tribunal indipendenti kif titlob il-liġi;

11. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-Kamra appellata, wara li tagħti sfond qasir tal-ġrajjiet li wasslu għad-deċiżjoni appellata, tilqa' għall-ilmenti tal-appellant billi targumenta li d-dritt għas-smigħ xieraq kif misjub fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandhom l-ebda applikazzjoni għall-każ tal-lum. Targumenta li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li tistħarreġ kwestjonijiet ta' natura konvenzjonali jew kostituzzjonali, u tissottometti li jekk l-appellanti għandha xi lmenti ta' din ix-xorta hija għandha tressaq

[3] Att XIII tal-2021 (Kap 622) (li sal-lum għadu daħal fis-seħħ f'partijiet minnu biss, ara A.L. 373 tal-2022)
[4] Art. 13 tal-Kap 622 (li għadu ma nġabx fis-seħħ)

proċeduri għalihom u b'hekk ma tistax titlob lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi kwestjonijiet bħal dawn;

12. Fil-konkret, u safejn għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tal-appellant dwar il-kompożizzjoni tal-Kunsill li ħa d-deċiżjoni appellata, il-Kamra appellata, filwaqt li tiċħad li l-kompożizzjoni ta' dan hija nieqsa mill-indipendenza, targumenta li anke li kieku stess kellu jkun hemm xi nuqqas bħal dan, dan kollu xorta waħda ma jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq u dan għaliex, ġaladarba li f'dan il-każ il-liġi kif inhi fis-seħħ tagħti lill-persuni fil-qagħda tal-appellant il-jedd li jressqu appell quddiem Qorti bħal din – li mhuwiex limitat biss għal punti ta' dritt iżda wkoll fuq konsiderazzjonijiet ta' fatt – kull nuqqas li jista' jkun hemm min-naħa tal-Kunsill, jista' jissewwa minn din il-Qorti. B'rabta ma' dan, tissottometti wkoll li huwa prinċipju ieħor stabbilit fil-qasam konvenzjonali u kostituzzjonali li sabiex ikun jista' jiġi mistħarreġ jekk ġiex miksur il-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed ma jistax iqis biss parti waħda tal-proċedura, u minflok hemm il-ħtieġa li tiġi mistħarrġa l-proċedura kollha fit-totalità tagħha;

13. Safejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-mod ta' kif mexa l-Kunsill, il-Kamra tisħaq li l-proċedura wżata fil-konfront tal-appellant kienet waħda korretta, ġusta u skont il-liġi. F'dan ir-rigward, tibda biex tissottometti li d-direttiva miksura mill-appellant kienet waħda li mhux biss kienet magħrufa, iżda wkoll ċara b'tali mod li l-periti diġà kienu jafu x'kienu l-konsegwenzi tal-ksur ta' dik id-direttiva. Tfisser li hekk kif fil-5 ta'

Settembru, 2022, saret taf li l-appellant ressaq offerta bi ksur ta' dik id-direttiva, l-għada stess 'fetħet investigazzjoni dwar dan' u avżat lill-appellant. Iżżid li hija wkoll tat żmien lill-appellant 'sabiex jirrispondi għall-ftuħ tal-investigazzjoni', ħaġa li tgħid li l-appellant stess għamel fit-12 ta' Settembru, 2022. Skont il-Kamra, il-pożizzjonijiet tal-partijiet kienu għalhekk magħrufa u r-raġunijiet għalfejn l-appellant ma qabilx mad-direttiva u l-ftuħ tal-investigazzjoni kienu ċari. Tfakkar li l-appellant ma talabx għal xi seduta jew għal preżentata ta' xi dokumenti u tfisser li fid-dawl ta' dan, il-Kunsill ħass li kien hemm biżżejjed provi quddiemu sabiex ilesti l-investigazzjoni u jagħti deċiżjoni fil-mertu. Tgħid li fuq kollox, fid-deċiżjoni appellata, l-ilmenti tal-appellant ma ġewx injorati tant li kien biss wara li ġew meqjusa u ngħataw raġunijiet validi li ġie konkluż li ma kinux mistħoqqa. Tissottometti wkoll li d-deċiżjoni hija wkoll siewja mill-aspett ta' maġġoranza meħtieġa, u dan għaliex id-deċiżjoni ttieħdet wara ħames voti favur u żewġ astensjonijiet. Filwaqt li tilmenta li l-appellant qiegħed iqis il-kwistjoni bħallikieku kienet xi "kawża kriminali ta' l-aktar importanza u serjetà" li għaliha kellu jiġi osservat kull aspett ta' smigħ xieraq, tagħlaq biex tgħid li dak li jgħodd mhijiex l-opinjoni tal-appellant dwar x'messu għamel il-Kunsill, iżda jekk il-Kunsill tal-Kamra mexiex mal-liġi sabiex wasal għad-deċiżjoni appellata u jekk il-Kamra għandhiex is-setgħa li tagħti s-sanzjoni li fil-fatt imponiet;

14. Qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-ilmenti tal-appellanti, bħala kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali, din il-Qorti tqis xieraq li għandha

tibda billi tagħmilha ċara li fil-kompitu tiegħu bħala organu kważi-ġudizzjarju, li huwa mogħni bis-setgħa li jniedi proċeduri ta' inkjesta kontra l-arkitetti u inġiniera ċivili[5], kif ukoll fdat b'funzjoni deċiżjonali dwar jekk għandux jikkastiga lill-istess professjonisti, magħduda s-sospensjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni ta' mhux aktar minn tnax-il (12) xahar[6], il-Kunsill tal-Kamra appellata huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali, u dan minbarra li jimxi mal-proċedura maħsuba fil-liġi. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li, irrispettivament minn jekk ikunx hemm xi dispożizzjoni espressa fil-liġi[7], kull organu li huwa fdat mil-leġislatur b'attribuzzjonijiet u funzjonijiet deċiżjonali li jolqtu l-jeddijiet ta' xi persuna, ma jistax fit-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet ma jħarisx il-prinċipji bażiċi tal-ħaqq naturali[8]. Tassew, ġie mtenni anke minn din il-Qorti stess, li: "*l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorità mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'impunità*"[9];

[5] Ara reg. 5 tal-L.S. 390.01.
[6] Ara reg. 6 u 11 tal-L.S. 390.01.
[7] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Borg v. L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku***, kkonfermata minn din il-Qorti fit-**28.9.2012**.
[8] Ara s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Austin Gonzi v. Malta Drydocks Corporation***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-**27 ta' Ottubru, 2004,** u ara wkoll is-sentenza preliminari fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Sylvann Aquilina Zahra v. Marcel Pizzuto et,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**18 ta' Ottubru, 2017**.
[9] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks v. Dr. Anthony Gruppetta noe. et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' Ġunju, 2008**. L-istess intqal fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura et,***, ikkonfermata minn din il-Qorti fl-**14.7.2008**.

15. Prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali huwa dak magħruf bħala '*audi alteram partem*', li filwaqt li jimxi id f'id mal-jedd ta' smigħ xieraq, mhuwiex kundizzjonat bl-applikabbilità tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Fih innifsu, il-prinċipju tal-'*audi alteram partem*' jitlob li qabel ma tittieħed xi deċiżjoni amministrattiva fil-konfront ta' xi persuna, dik il-persuna għandha tingħata ċ-ċans li tiddefendi l-każ kontriha, u dan billi tingħata l-opportunità li tgħid tagħha, u li tingħata widen tassew għal dak li jkollha xi tgħid. Huwa wkoll magħruf li, sabiex ikun jista' jingħad li persuna tkun ingħatat tabilħaqq iċ-ċans li tiddefendi lilha nnfisha kif jixraq, u b'mod partikolari f'dawk il-każijiet li fihom ikunu qed jiġu mnedija xi forma ta' proċeduri dixxiplinarji b'konsegwenzi ta' sanzjonijiet dixxiplinari: "*hemm il-ħtieġa li persuna jkollha pre-avviż tal-proċeduri li jkunu ser isiru kontra tagħha, nkluż l-akkużi dwar l-istess u l-konsegwenzi li joħorġu konsegwenza tal-istess*"[10]. Kemm hu hekk, ġie mtenni wkoll minn din il-Qorti li: "*n-nuqqas li l-appellant jingħata preavviż dwar id-dettalji tal-akkużi xxellef l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq, u dan bi ksur tal-prinċipju audi alteram partem*"[11];

16. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti wara li rat dak kollu li hemm fl-atti proċesswali jidhrilha li l-appellant għandu tassew raġun meta qed jilmenta dwar il-mod ta' kif mexa miegħu l-Kunsill tal-

---

[10] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Gerada v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**28.4.2017**.
[11] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-**24.11.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Fazal Hussain v. Kunsill Mediku***

Kamra tal-Periti u sewwasew kif qabad u ħabta u sabta għadda għad-deċiżjoni appellata. Għalkemm il-Kamra appellata qed tiċħad li hija ma mxietx mal-proċedura u qed tinsisti li hija mhux biss avżat lill-appellant li kien qed jiġi 'investigat dwar ksur potenzjali' tad-direttiva tat-8 ta' Awwissu, 2022, iżda wkoll tatu ċ-ċans biex jagħti l-fehmiet tiegħu dwar dan, minn ħarsa lejn id-deċiżjoni appellata, jidher però ċar ħafna li fil-jum li fih l-appellant bagħat it-tweġiba tiegħu lill-Kamra tal-Periti, l-appellant ma kienx jaf li tnedew proċeduri dixxiplinarji formali kontrih bil-konsegwenza li seta' jiġi sospiż il-'*warrant'* tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex, sa dakinhar, lanqas il-Kunsill ma kien għadu nieda proċediment dixxiplinari kontrih, għaliex mill-atti ħareġ ċar li d-deċiżjoni f'dan is-sens ittieħdet mill-Kunsill wara li waslitlu l-ittra kollettiva tat-12 ta' Settembru;

17. Wisq anqas ma jirriżulta li l-appellant ġie mgħarraf formalment li kien qed jiġi mixli b'imġiba li hija inkonsistenti mal-professjoni ta' perit, li fl-aħħar mill-aħħar instab ħati tagħha u li, fuq il-bażi t'hekk, ġie ffissat il-kastig tas-sospensjoni tal-*warrant*. Tabilħaqq, kemm mid-deċiżjoni appellata kif ukoll minn kif ġie kkonfermat fit-tweġiba għall-appell imressqa mill-Kamra appellata[12], jirriżulta li kien biss wara li l-Kamra rċeviet it-tweġiba tal-appellant, li l-Kunsill formalment iddeċieda li kien hemm biżżejjed provi sal-grad ta' mad-daqqa t'għajn ("*prima facie*"), biex jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra l-appellant. Kemm hu hekk, fid-

[12] Fl-ewwel paragrafu f'paġna 3 tat-tweġiba għall-appell ġie mniżżel li: *fit-13 ta' Settembru 2022, il-Kunsill, wara li ra r-risposta tal-Periti inkluż il-Perit appellanti* ***iddetermina li kien hemm biżżejjed evidenza prima facie biex jinfetaħ każ ta' kondotta formali*** *u li kien se jipproċedi bid-deliberazzjonijiet dwar il-każ"*

deċiżjoni appellata tniżżel li: "*During Council Meeting 22.36 held on 12/09/2022,* ***<u>the Council determined that there was sufficient prima-facie evidence to open a formal conduct case</u>*** *and proceeded with deliberations*";

18. Ġaladarba li kien biss fis-seduta tat-12 ta' Settembru, 2022, li l-Kunsill iddeċieda li kien hemm biżżejjed provi sal-grad ta' mad-daqqa t'għajn, biex jiġu mnedija proċeduri dixxiplinarji kontra l-appellant, il-Kunsill ma seta' qatt, f'dik l-istess seduta, jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu u jsib lill-appellant ħati ta' mġiba li mhijiex konsistenti mad-dinjità tal-professjoni ta' perit, u dan f'ċirkustanzi li fihom, l-istess Kunsill m'avżax lill-appellant b'dan l-iżvilupp li kien jaf li seta' jolqtu fil-laħam il-ħaj, għaliex seta' jaffetwalu kemm il-karriera tiegħu kif ukoll ħobżu. Kif rajna aktar kmieni, il-prinċipji tal-ħaqq naturali jitolbu li l-Kunsill kellu javża lill-appellant bid-deċiżjoni tiegħu li kien formalment ser jibda każ ta' proċeduri dixxiplinarji kontrih, kif ukoll bil-fatt li kien qed iqis il-ksur tad-direttiva tat-8 ta' Awwissu (Dir 08/22) bħala mġiba li ma kinitx konsistenti mad-dinjità tal-professjoni ta' perit;

19. Fuq kollox, il-liġi stess, f'regolamenti 7 u 12 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti (L.S. 390.01) titlob ukoll li: "*ma għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni*" kontra perit "*jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu l-opportunità kollha biex jiskolpa ruħu*". Dawn ir-regolamenti għandhom imbagħad jinqraw fil-qafas tal-Artikolu 8(1)(ċ) tal-Kapitolu 390 li fih, fost l-oħrajn, insibu li: "*ma tingħata ebda piena mill-Kamra qabel ma d-detentur ta'*

*warrant* *<u>li jkun qed jiġi akkużat</u>* *jingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi ruħu*". Fil-fehma tal-Qorti, il-frażi "***li jkun qed jiġi akkużat***" mhijiex hemm għal xejn b'xejn. Titlob li, ladarba l-Kamra tkun waslet għall-fehma li hemm xi għemil jew nuqqas li għalih perit irid iwieġeb fi proċedura dixxiplinari, l-anqas li jmissu jsir hu li dak il-perit ikun mgħarraf bit-tnedija ta' dak il-proċediment. Is-smigħ tal-fehma ta' perit waqt xi inkjesta li ssir qabel ma taqdix l-obbligu li l-parti mixlija għandha tingħata l-opportunità li tiddefendi ruħha minn dik ix-xilja. Fi kliem ieħor, dawk il-kliem ifissru li l-Kamra tkun qiegħda toħroġ lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi jekk timponi xi piena fuq xi detentur tal-*warrant* ta' perit qabel ma toħroġ akkuża formali kontra dak il-perit. Naturalment din l-akkuża formali sservi wkoll biex il-perit mixli jiġi mgħarraf li qiegħed jinbeda każ ta' proċeduri dixxiplinarji kontrih;

20. Għalkemm jidher li f'dan il-każ l-appellant kien tassew mgħarraf li kien qed ikun investigat dwar ksur potenzjali ta' direttiva tal-Kamra, l-appellant però qatt ma fattwalment ġie mgħarraf bl-iżvilupp li l-Kunsill eventwalment sab li kien hemm biżżejjed evidenza biex jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontrih, jew inkella li kien qed jiġi mixli b'imġiba li mhijiex konsistenti mad-dinjità tal-professjoni ta' perit[13]. It-tweġiba kollettiva tiegħu tat-12 ta' Settembru 2022, kellha għalhekk tittieħed fil-

[13] Fil-minuti tal-laqgħa tat-12 ta' Settembru, 2022 tniżżel li: *"1. The above Periti are listed as bidders for the CFS tender entitled 'Framework Agreement For the Provision of Professional Services of Periti to Provide Valuations of Properties to the Commissioner for Revenue'. As a result they have been informed that they are being <u>investigated as being in potential breach of Directive DIR 08/2022 of the Kamra</u>".* Ta' relevanza huma wkoll l-ewwel żewġ paragrafi tad-deċiżjoni appellata taħt it-titolu "*Investigation*".

qafas tagħha, u sewwasew li sa dakinhar, kien għadhom ma nbdewx proċeduri formali ta' dixxiplina kontra tiegħu, u f'kuntest li l-appellant ma kienx għadu ġie formalment mixli bi ksur ta' mġiba li mhijiex konsistenti mad-dinjità tal-professjoni. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Kunsill ma seta' qatt jaqbad u jippreżumi li t-tweġiba kollettiva tal-appellant u ta' sħabu kif imfisser fl-'*e-mail'* tat-12 ta' Settembru, li fuq kollox kien fuq bażi ta' 'mingħajr preġudizzju', kellu wkoll jikkostitwixxi d-difiża li kellu l-appellant għall-proċeduri dixxiplinarji, u sewwasew għax-xilja li huwa ġab ruħu b'mod li mhuwiex konsistenti mad-dinjità tal-professjoni. Dan jingħad meta, minn qari tad-deċiżjoni appellata, joħroġ ċar li l-Kunsill qies xejn anqas minn erba' kawżali ta' xiljiet dwar l-imġiba tiegħu (għalkemm sabu ħati fi tnejn minnhom biss);

21. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti jidhrilha li l-Kunsill tal-Kamra appellata la mexa mal-liġi li taħtha huwa mwaqqaf (billi naqas li jipprovdi lill-appellant l-"*opportunità kollha*" biex jilqa' ruħu għax-xiljiet tiegħu u jiddefendi ruħu kif jixraq mill-konsegwenzi serji li seta' jġarrab dwar dawk ix-xiljiet) u wisq anqas ma ħares il-prinċipji bażiċi tal-ħaqq naturali. Peress li, fiha nfisha, konklużjoni bħal din hija biżżejjed biex twassal għat-tħassir tad-deċiżjoni appellata fuq in-nuqqas ta' siwi tagħha, u dan lil hinn mill-mertu ta' dik id-deċiżjoni u mill-aspetti sostantivi l-oħrajn li jirrigwardawha[14], ma huwiex meħtieġ li l-Qorti tqis ukoll l-ilmenti l-oħrajn

[14] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Borg v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku,*** deċiża fit-**28.9.2012**.

tal-appellant dwar ħsara minħabba l-mod kif il-Kunsill kien magħmul meta ttieħdet id-deċiżjoni attakkata u l-aggravji l-oħrajn dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali tiegħu u posthom f'azzjoni bħal din;

22. Għalhekk il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant mill-imsemmija deċiżjoni huwa mistħoqq u jixraq li l-appell tiegħu jintlaqa';

***Decide:***

23. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa'** l-appell tal-Perit u Arkitett Hector Żammit mid-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti tat-13 ta' Settembru, 2022, u b'hekk qed tħassar, tirrevoka u tannulla id-deċiżjoni appellata, **bl-ispejjeż** kontra l-intimat appellat *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr